II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2019/1256

tat-23 ta' Lulju 2019

li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/943 dwar miżuri ta' emerġenza li jissospendu l-importazzjonijiet ta' fażola mnixxfa min-Niġerja, fir-rigward tal-estensjoni tal-perjodu ta' applikazzjoni tiegħu

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 178/2002 tat-28 ta' Jannar 2002 li jistabbilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġijiet tal-liġi dwar l-ikel, li jistabbilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u jistabbilixxi l-proċeduri fi kwistjonijiet ta' sigurtà tal-ikel ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 53(1) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 178/2002 jistabbilixxi l-prinċipji ġenerali li jirregolaw is-sigurtà tal-ikel u tal-għalf fil-livell tal-Unjoni u dak nazzjonali. Jipprevedi miżuri ta' emerġenza li jridu jittieħdu mill-Kummissjoni meta jkun hemm evidenza li ikel importat minn pajjiż terz x'aktarx li jkun ta' riskju serju għas-saħħa tal-bniedem.

(2) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/943 ([2]) issospenda l-importazzjoni fl-Unjoni ta' fażola mnixxfa taħt il-kodiċi NM 0713 39 00 min-Niġerja minħabba l-għadd kbir ta' każijiet ta' kontaminazzjoni b'sustanza attiva mhux awtorizzata, id-diklorvos, f'livelli li jaqbżu sew id-doża akuta ta' referenza tentattivament stabbilita mill-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel. Sakemm in-Niġerija timplimenta l-miżuri xierqa tal-ġestjoni tar-riskju, il-projbizzjoni kellha tapplika sat-30 ta' Ġunju 2016.

(3) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/874 ([3]) estenda s-sospensjoni tal-importazzjoni ta' fażola mnixxfa min-Niġerja sat-30 ta' Ġunju 2019 u applikaha għal żewġ kodiċijiet addizzjonali tan-NM, 0713 35 00 u 0713 90 00, minħabba l-preżenza kontinwa tad-diklorvos fil-fażola mnixxfa importata min-Niġerja u l-impossibbiltà li tinkiseb, fi żmien qasir, il-konformità mar-rekwiżiti tal-liġi tal-Unjoni dwar l-ikel fir-rigward tar-residwi tal-pestiċidi.

(4) Fi Frar 2018, in-Niġerja ssottomettiet pjan ta' azzjoni ġdid u ddikjarat li l-objettiv tagħha kien li tikkontrolla u tissimplifika b'mod partikolari l-fażola mnixxfa, issaħħaħ l-ambjent legali u regolatorju u tibni prinċipji fundamentali għal produzzjoni ta' kwalità ta' fażola mnixxfa. Madankollu, il-Kummissjoni tifhem li n-Niġerja għadha ma implimentatx il-pjan ta' azzjoni, u lanqas ma tat xi mezzi baġitarji għall-implimentazzjoni tiegħu. L-istadju tal-implimentazzjoni min-Niġerja tal-pjan ta' azzjoni fir-rigward tal-ġestjoni integrata tal-organiżmi ta' ħsara u l-livelli massimi tar-residwi tal-pestiċidi, ma jippermettix li jiġi konkluż li ġew issodisfati r-rekwiżiti tal-Unjoni fir-rigward tar-residwi tal-pestiċidi fuq il-fażola mnixxfa rilevanti.

([1]) ĠU L 31, 1.2.2002, p. 1.

([2]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/943 tat-18 ta' Ġunju 2015 dwar miżuri ta' emerġenza li jissospendu l-importazzjonijiet ta' fażola mnixxfa min-Niġerja u li jemenda l-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 669/2009 (ĠU L 154, 19.6.2015, p. 8).

([3]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/874 tal-1 ta' Ġunju 2016 li jemenda Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/943 dwar miżuri ta' emerġenza li jissospendu l-importazzjonijiet ta' fażola mnixxfa min-Niġerja (ĠU L 145, 2.6.2016, p. 18).

(5) Għaldaqstant, jenħtieġ li t-tul tas-sospensjoni tal-importazzjonijiet jiġi estiż għal perjodu addizzjonali ta' tliet snin, sabiex in-Niġerja tkun tista' timplimenta l-miżuri xierqa għall-ġestjoni tar-riskju u tipprovdi l-garanziji meħtieġa.

(6) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Artikolu 5 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/943 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 5*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika sat-30 ta' Ġunju 2022."

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-23 ta' Lulju 2019.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Jean-Claude JUNCKER